Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 32 – Il-Hamis 25, ta' Settembru 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**1.0 Introduzzjoni mis-Sindku u Talba**

1.1 Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa. Permezz ta' talba.

**2.0 Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1 Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 21 u tal-laqgħa AD Hoc tal-5 ta' Settembru, 2014, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**3.0 Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku rrefera għal-fatt li fis-16 ta' Settembru avvicinah Salvu Attard (ta' Fontin) rigward Triq il-Briegħen, għal fatt li peress li fil-preżent din it-triq qed tintuża kontinwament minn ħafna vetturi tal-film li qed jgħaddu minn din it-triq bil-konsegwenza li qed itir ħafna trab li qed jagħmel ħafna ħsara lill-wiċċ tar-raba u siġar kif ukoll lill xi-irziezet fl-inħawi. Is-Sindku qal li hu kien mar fuq il-post u kkomferma dan. Hu semma' li kien kiteb lis- Site Manager tal-Film, is-Sur Joseph Falzon u nfurmah b'dan l-ilment fejn talbu li jew tingħata kisja tarmak lil din il-parti tat-triq jew tinstab alternattiva oħra sabiex dawn it-trabiijiet jinqatgħu. Huwa semma' li r-risposta li rċieva minn għandhom kienet dik li t-triq

dejjem kienet fi stat ħażin u li l-Ministeru għal Għawdex kemm il-darba ta' l-patching lil din it-triq.

3.2 Is-Sindku rrefera għall-ilment li daħallu nhar it-18 ta' Settembru 2014 rigward residenti li qed joħorġu l-iskart barra l-ħin stipulat. Sar qbil li f'dawn ic-cirkustanzi jitqassam avviz f'kull residenza f'Għajnsielem fejn jispjega tajjeb il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart.

3.4 Is-Sindku rrefera għall-ilmenti li għamillu Joe Cauchi ta' Triq Għajnsielem rigward tlett punti. L-ewwel ilment kien rigward inċident li kien ser jkollu peress li l-bozoz taż-żebra crossing ta' Triq l-Imġarr mhux jixgħelu. Il-Kunsill qabel li għandu jirrapporta dan ma Transport Malta. Talab ukoll li l-parti d-dejqa fi Triq Għajnsielem titwessa'. Il-Kunsill qabel li din it-talba ma tistax tiġi milqugħa. L-aħħar talba tiegħu kienet rigward Parking bay tad-disabled li teżisti fit-triq tiegħu hi akbar minn normal. Huwa talab sabiex tiċċekken għal daqs normali b'tali mod li jkun hemm aktar lok ta' parking. Il-Kunsill qabel ma' dan u sar qbil li din it-talba għandha titressaq lil Transport Malta.

3.5 Is-Sindku rrefera għat-talba li ressqet ir-resident Loreta Grima ta' 32, Triq Għajnsielem fejn talbet sabiex ma jsirx parking quddiem ir-residenza tagħha peress li hija anzjana u qed issibha diffiċli biex toħroġ minn darha meta jkun hemm karozza pparkjata quddiem il-bieb tagħha. Sar qbil li din it-talba għandha titressaq quddiem Transport Malta għall-approvazzjoni ta' double yellow-lines quddiem il-bieb tagħha.

3.6 Is-Sindku rrefera ghat-talba mingħand ic-Chairman tas-Swieq Miftuħa u s-Senior manager is-sur Franco Schembri fejn dawn talbu sabiex tiġi provduta site plan 1:500 tas-sit fejn huwa propost li jsir il-Monti fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru.

3.7 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li saret għall-ambaxxaturi Vot 16 u li għaliha l-ambaxxatur Vot 16 Joshua Grech kien imsiefer u ma setax jattendi. Id-Dipartiment ġie nfurmat b'dan.

3.8 Is-Sindku rrefera għal-kors li sar għal-librara fuq sistema ġdida komputerizzata għal-librerija u li għaliha attenda l-librar Paul Xuereb.

3.9 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand il-Patrijiet ta' San Franġisk rigward il-parata tal-iscouts konnessa mal-attivita' annwali dik tat-tberik tal-annimali. Il-Kunsill qabel li għandu japprova li din l-attivita' tiġi ripetuta u tkun organizzata mil-Kunsill.

3.10 Is-Sindku Francis Cauchi rrefera għar-rapport mibgħut mill-Playing Field Association fejn irreferew għal xi difetti fl-apparat ta-playing field tal-Pjazza tad-Dehra u tal-Gudja. Huwa semma' li ħa nota tar-rimarki fejn x'uħud mid-difetti diġa ġew rimedjati mmedjatament mill-ħaddiema tal-Kunsill u l-ftit li fadal ser jiġu rranġati malajr.

3.11 Is-Sindku rrefera għar-rapport li sar fejn il-kurduna ta'fuq tal-ħajt ta'Triq tax-Xatt u r-railings f'Ta' Passi ntefgħu għal ġol-wied. Sar qbil li għandu jsir rapport mal-Pulizija fuq dan il-każ u għandu jiġi nfurmat ukoll b'dan, id-Direttur tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

3.12 Saret referenza għall-applikazzjoni tal-fund SUMP maħruħ minn Transport Malta li għalih il-Kunsill jista jibbenifika sa massimu ta' 50,000euro. Il-Kumpanija ADI li huma l-konsulenti tal-Kunsill taħt il-proġett Intereg Green Infranet, ssuġġerew li napplikaw għal dan il-fond bil-proposta li ħejjew huma taħt l-istess proġett. Sabiex jimlew l-applikazzjoni l-ADI qed jitolbu l-ispiża ta' madwar 500 euro. Il-Kunsill qabel li għandu japplika peress li jħoss li għandu applikazzjoni tajba x'jissottometti.

3.13 Is-Sindku rrefera għal-konferenza f'Bologna relatata mal-proġett Green Infranet li għaliha attendew huwa bħala Sindku, l-kunsilliera Peter Caruana u Stephen Mercieca flimkien mal-konsulenta tal-Kunsill fuq dan il-proġett Krista Farrugia. Huwa semma li din il-konferenza kienet sodisfaċenti hafna fejn ħadna aktar esperjenza biex nimplimentaw il-proġett tal-Conca Valley kif ukoll komplejna nsaħħu r-relazzjonijiet mal-partners l-oħra tal-proġett.

3.14 Ġiet trattata l-email mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward l-attivitajiet kulturali ta' Betlehem f'Għajnsielem rigward il-bilanc ta' 8,000 euros u minn fejn ġabu l-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jirrispondi li t-8,000 euros huwa l-budget tal-Kunsill li ġie approvat f'Jannar 2014.

3.15 Ġiet trattata l-ittra minghand Joseph Agius fejn talab sabiex issir loading/unloading bay quddiem il-warehouse tieghu fi Triq l-Imgarr. Il-Kunsill qabel li ghandu jghaddi din it-Talba lil Transport Malta.

3.16 Ġiet trattata l-ittra lil Ministru Owen Bonniċi u lis-Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo sabiex jaħtar lis-Sinjura Lucienne Haber bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Għajnsielem.

3.17 Ġiet trattata l-ittra mingħand id-Dipartiment tas-Saħħa rigward il-Berga tal-lokal. Il-Kunsill qabel li għandu jirrispondi li l-Berga hija rinovata u attrezzata b'kull apparat meħtieġ skond kif mitlub mit-tabib tal-gvern.

3.20 Ġiet trattata l-ittra mingħand Transport Malta rigward talba ta' road hump fi Triq Martino Garces. Sar qbil li għandna nitolbuhom sabiex jagħtuna site plan.

3.21 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-MEPA rigward xogħolijiet ta' trenching u excavation li jinħtieġ li jsir fi Triq Lambert u Triq il-Brieghen. Il-Kunsill talab li jingħata site plan speċifika tal-post u l-Kunsill ħareġ b'konkluzjoni li għandu jinforma lil MEPA biex din tinforma lil-Lands Dept. jekk l-art hix publika. Il-Kunsill ddeċieda wkoll li l-MEPA għandha wkoll tagħmel konsultazzjoni mal-bdiewa u mas-sidien tal-post qabel ma jinbeda x-xogħol.

3.22 Ġiet trattata Memo 25/2014 rigward Skemi Sportivi. Sar qbil li għandna napplikaw flimkien mar-Red Coats u nikkuntatjaw lis-sur Joseph Scicluna. Il-Kunsil ppropona li napplikaw għall-1000 ewro.fejn 500 euro joħroghom il-Kunsill u 500euro toħroġhom l-iskema.

3.23 Il-Kunsillier Stephen Merċieca rrefera għall-programm televiżiv fuq One TV fejn fuqu ssemma' il-proġett tal-Pjazza ta' Għajnsielem. Huwa ħassu ddiżgustat għal kelma li ntqalgħet fil-programm dik ta' 'diżgwid' mal-Kunsill meta l-Kunsill kien dejjem lest li jagħmel il-pjazza u mhux jaqla d-diżgwid.

## 4.0 Kisi bit-tarmak ta' parti minn Triq Hamri u Triq GHajnsielem

4.1 Is-Sindku rrefera għat-tenders mitfugħa għal-kisi bit-tarmak ta' parti minn Triq Hamri u Triq Għajnsielem. Huwa rrefera għall-orħos offerta dik ta' Road Construction iżda li xorta waħda hija ferm għola mill-budget allokat mill-Kunsill ħhal dan il-proġett. Huwa propona li għandna naraw jekk l-offerta għadhiex valida u jekk nistgħux nużaw parti minnha biss, jiġifieri li peress li dawn it-toroq huma fuq il-blat, tingħatalhom kisja waħda biss. Sar qbil li f'dawn iċ-ċirkustanzi għandu jiġi kkuntatjat il-perit tal-proġett Edward Scerri u jigwidana hu fuq dan is-suġġeriment. Fil-każ l-ewwel triq li hi prijorita hi dik ta'Triq Hamri.

## 5.0 Htieġa ta' double-yellow line fi Triq Sant' Antnin

5.1 Il-Kunsillier Stephen Mercieca semma' li peress li t-Triq tal-Qala tinsab magħluqa għat-traffiku minħabba x-xogħolijiet li qed isir fiha, t-traffiku qed jeħel fi Triq Sant'Antnin speċjalment fil-parti d-dejqa meta jkun hemm parking fuq iż-żewġ naħat. Huwa propona li l-parking jibda jsir fuq naħa waħda tat-triq. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u sar qbil li għandna nibgħatu din it-talba lil Transport Malta sabiex tkun hi li tindika liema naħa ssir 'No parking' fil-parti d-dejqa tat-triq kif indikat fuq site plan provduta.

## 6.0 Tiġdid/ħruġ mill-ġdid tal-kuntratt tal-Latrina tat-Terminal tal-Imġarr

6.1 Is-Sindku rrefera għal-fatt li l-kuntratt tal-latrina tat-Terminal tal-Imġarr ser tiskadi u għalhekk jinħtieġ li toħroġ offrta għall-pubbliku. Sar qbil li għandha toħroġ fuq l-istess kundizzjonijiet bħal dik preċedenti. Sar qbil li d-data tal-għeluq tal-offerta tkun fil-bidu ta' Novembru biex il-kuntratt il-ġdid jibda f'Diċembru 2014.

## 7.0 Htieġa ta' mera quddiem il-garage tal-armar u mmarkar ta' Slow Sign

7.1 Saret referenza għat-talba li għamlet l-Għaqda tal-Armar tal-Festa rigward ħtieġa ta' mmarkar ta' Slow sign u mera quddiem il-maħzen tal-armar fi triq J.F de

Chambray. L-Għaqda talbet ukoll sabiex isiru l-aħħar ħmistax il-tappiera tal-arbli tal-festa madwar il-pjazza. Il-Kunsill qabel li dawn it-talbiet għandhom jiħu attwati.

## 8.0 Public Consultation fuq il-proġett Green Infranet

8.1 Is-Sindku rrefera għall-presentation li l-konsulenti ADI wettqu għall-lokalita' ta' Għajnsielem taħt il-proħett Infranet. Huwa semma' li l-pass li jmiss huwa li din il-proposta tgħaddi għal proċess ta' konsultazzjoni u għalhekk qed jipproponi li ssir laqgħa pubblika. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lill-istess konsulenti biex jiġu jagħtu l-prezentazzjoni tagħhom waqt laqgħa pubblika li għandha tinżamm lejn l-aħħar t'Ottubru jew bidu ta' Novembru.

## 9.0 Għazla tar-railings tal-Belvedere

9.1 Għal-laqgħa kien preżenti l-Perit Alex Biġeni u rrefera għall-evalwazzjoni li huwa kien assenjat li jagħmel lill-offerti mitfugħa għar-railings tal-Belvedere. Huwa semma li t-tenders kollha kellhom xi nuqqasijiet żgħar pero f'dan l-istadju huwa jaħseb li l-orħos offerta hija l-aħjar offerta.

9.2 Il-perit irrefera għal-variation li ser ikun hemm relatata ma' dan it-tender peress li skond kif sar qbil fil-laqgħa ta' qabel kellu jinqala l-ħajt u minflok isir bir-railings. Skond l-istima tal-perit, din il-varjazzjoni għandha tkun ta' madwar 300 euro. peress li d-deċiżjoni mittieħda kienet li jinqala' l-ħajt u jiżdied ir-railings.

9.3 Il-perit irrefera wkoll għall-iżbal tal-kuntrattur li l-irħam tal-ħajt ma mexiex mad-disinn oriġinali fejn fil-vojt bejn il-bankijiet in-naħa t-isfel laħaq sar bl-irħam meta mhux suppost. Il-perit qal li għalkemm il-ħajt kollu sar bl-irħam u dan ġie isbaħ fl-apparenza tiegħu kien hemm madwar 55 metri kwadri aktar pero fl-istima kien hemm madwar 70 metru kwadru u għalhekk bejn wieħed u ieħor ser nibqgħu mal-budget.

9.4 Il-Kunsill hawnhekk qabel mar-rakkommandazzjoni tal-Perit u sar qbil li l-Award tat-Tender għandha tingħata lill-orħos offerta ta' 16,971.19euro tas-Sur Paul Zammit.

## 10.0 Għazla tal-Street Furniture tal-Belvedere

10.1 Rigward l-għażla tal-istreet furniture il-Perit stqarr li peress li hemm xelta kbira sabha diffiċli biex jagħmel l-għażla, għax l-għażla trid aktar tkun ibbazata fuq il-gosti tal-mudell milli fuq il-prezz. Għalhekk huwa rrakkomanda li jiltaqa' mal-

Kunsill biex jiġu diskussi l-mudelli sottomessi u ssir l-għażla dwarhom. Sar qbil li għandha ssir laqgħa nhar it-Tlieta fis-7:00pm.

10.2 Is-Sindku rrefera wkoll għall-problemi li qed jiffaċċja mal-kuntrattur tal-iStreet Lighting, Richard Cauchi fosthom rigward id-dwal tal-Belveder f'Hamri Street, l-arblu tal-Pjazza Indipendenza u d-dwal tat-taraġ ta' Triq Lourdes. Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa kellu fuq is-sit tax-xogħol tal-Belveder rigward kwistjoni li nqalgħet għal fatt li Richard Cauchi għadda l-pajpijiet meħtieġa, u l-kuntratur waqt li kien qed jagħti l-konkos ħarrek dawn l-istess pajpijiet. Is-Sindku semma li biex tissolva din il-problema jinħtieġ li ssir trinka skond kif qallu l-enġinier tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li xħin jiġi l-kont ta' din il-biċċa trinka, l-kont għandu jinqasam bejn Richard Cauchi u Omar Fava peress li t-tort kien tat-tnejn li huma fejn Richard dam ma poġġa l-pajpijiet meħtieġa.

## 11.0 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-eks Segretarju Eżekuttiv

11.1 Is-Sindku semma' li peress li s-Segretarja temmet il-karriera tagħha qabel tmiem is-sena finanzjarja, hija ntitolata għal Performance Bonus. Fil-Performance Appraisal tiegħu huwa rrakkommanda li s-Sinjura Abela, matul il-karriera tagħha ta' Segretarju Eżekuttiv dejjem ħadet il-massimu tal-Performance Bonus, dak ta' 10%. Huwa stqarr li onestament iħoss li dawn l-aħħar tmien xhur ma kinux ugwali għas-snin ta' qabel u li ma baqgħetx taħdem mal-Kunsill bl-istess rittmu ta' qabel. Kienu diversi l-okkażżjoniet li tagħhom ġibdilha personalment l-attenzjoni kif ukoll f'laqgħat tal-Kunsill fejn il-kunsilliera kienu magħrrfa. Hawnhekk huwa talab lil kunsilliera biex huma wkoll jagħtu l-kummenti u l-persentaġġ tagħhom lejn ħidmet is-Segretarja f'dawn l-aħħar tmien xhur. Il-Kunsilliera lkoll qablu li jingħata l-bonus ta' 7% minn massimu ta' 10% peress li dan l-aħħar l-atteġjament tagħha kien imbidel u x-xogħol tagħha ma baqax miexi b' ritmu tajjeb.

11.2 Hawnhekk il-Viċi Sindku Franco Ciangura propona li bħala Kunsill għandu jagħtiha tifkira bħala rikonoxximent għax-xogħol siewi tagħha li wettqet fis-snin preċedenti. Il-kunsilier Larry Buttiġieġ ssuġġerixxa li jekk hija taċċetta li tilqa din it-tifkira jkun xieraq li norganizzaw get-together żgħir flimkien biex nippreżentawhielha.

## 12.0 Talba sabiex it-Transport Pubbliku jkompli jgħaddi minn Triq Hamri

12.1 Ġie diskuss il-fatt li fil-preżent it-trasport pubbliku f'Għajnsielem li kien jgħaddi minn triq Simirat, beda jgħaddi minn Triq Hamri peress li qed isir x-xogħol fi triq Borġ Għarib. Il-Kunsill qed jipproponi li jsiru żewġ bus stops fi triq Hamri waħda fejn il-Belvedere u l-oħra fejn il-Playing Field. Il-Kunsill qabel li għandu jipproponi li din ir-rotta għanda tibqa u jalterna din ir-rotta kull sigħa bejn Triq Simirat u Triq Hamri meta jergħha jiġi kollox għan-normal.kull siegħa. Sar qbil

ukoll li għandna niktbu lil Transport Malta u nerġgħu ntennulhom it-talba li ssir venda li tgħaddi mill-Pjazza lejn Triq il-Ġnien u lejn ir-Rabat.

## 13.0 Kuntratt Green M.T.

13.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-Kunsill ilu ma jitħallas mingħand il-Green MT, il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart separat. Sar qbil li għandna nibgħatulhom ittra fejn ngħidulhom li jekk fi żmien xahar dawn il-flus ma jitħalsux il-Kunsill jittermina l-kuntratt u jmur għand kumpanija oħra.

## 14.0 Rapport dwar il-latrina tan-nisa li fil-festa abbużivament giet magħluqa mill-barman tal-Każin tal-Football u ntużat ukoll bħala store

14.1 Is-Sindku rrefera għar-rapport serju li daħallu; dak li fil-jiem tal-festa l-latrina tan-nisa ġiet magħluqa biex intuħat bhala store u minflok il-latrina tal-irħiel bdiet tintuza minn kulhadd. Il-Kunsill ikkundanna bil-qawwa kollha dan l-aġir u qabel li għandu jikteb u jitlob spjegazzjoni bil-miktub lil-Kumitat ta' Għajnsielem F.C.fuq dan l-episodju.

## 15.0 Htieġa ta' Warden fuq il-Bring-in-sites ta' Triq il-Gudja

15.1 Is-Sindku rrefera għall ilment li rċieva nhar is-19 ta' Settembru 2014 rigward skart mormi fi Triq il-Gudja ħdejn il-bring-in-sites. Huwa semma li f'dan l-istadju kkuntatja lill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart biex jagħmel ġabra extra biex ma nħallux dak l-inkonvenjent minħabba l-intiena li kienet ħierġa minnhom. Huwa semma' kif fit-23 ta' Settembru reġgħu daħlu lmenti ta' żibel jintenn fl-istess post. Erġajna tlabna collection extra u biex ġabruh kellhom jilbsu maskra minnħabba r-riha tintenn li kien hemm li kienet tikkonsisti fost oħrajn fi skart tal-ħut. Is-Sindku semma' li fid-dawl ta' dawn l-abbużi huwa stħarreg mal-gwardjani lokali l-ispiża ta' gwardjan pajzan biex jagħmlu l-għassa biex jinqabad l-individwu li qed jarmi hemm.L-ispiża hija ta' 35.73 euros kull sigħa mingħajr il-VAT. Il-Kunsill ra li l-ispiża hija kbira u sar qbil li għandna l-ewwel nispezzjonaw u nindagaw ftit oħra u jekk nibqgħu ma nsibux tarf għandna nqabbdu lil-wardens għal ta' lanqas erba' sigħat.

## 16.0 Quotations għat-Tiżjin tal-Milied

16.1 Sar qbil li l-Kunsill għandu joħroġ avviż fuq il-gazetta tal-gvern għal stima ta' tiżjin tal-Milied. Sar qbil li għandna napplikaw l-istess kundizzjonijiet tas-snin ta' qabel.

16.2 Il-Vici Sindku Franco Ciangura ghamel referenza għall-arblu fi Triq ix-Xatt biex għal żmien il-Milied jżżzejjen bi ftit wire rope u stilla. Huwa propona wkoll li tkun ħaġa sabiħa wkoll li jsir wire rope minn arblu għall-iehor matul it-triq tax-Xatt. Sar qbil li għandna niċċekjaw kemm jiġi jiswa l-wire rope kull metru.

## 17.0 Materji oħra

17.1 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għall-BBQ li ġie organizzat lit-taljani ta' Tolfa fil-miġja tagħhom fostna u wera s-sodisfazzjon għall-organizazzjoni tiegħu. Sar qbil li għandna nibgħatu Thankyou card lil Aurelio Buġeja tad-dawl u s-sound, lil Għaqda Armar, lil Sammy Attard (Marozz), lil tas-Saiku Ltd. kif ukoll lill-familjari li jiġu mil-mara ta' Franco.

17.2 Il-Viċi Sindku talab ukoll sabiex nirranġaw taraġ żgħir li jinsab wara l-Grand Hotel fi triq Hamri u nagħmlu railing tiegħu.

17.3 Il-Viċi Sindku rrefera wkoll għas-saċerdot Dun Karm Cassar minn Għajnsielem li għandu 93 sena, li jkun xieraq li bħala Kunsill nagħmlulu żjara speċjali għal żmien il-Milied u anke possibilment nagħtuh xi titlu. Il-Kunsill qabel ma' dan.

17.4 Il-Viċi Sindku rrefera wkoll għal gandott fejn ta' Mauro. Is-Sindku qal li dan il-gandott kien għadu kif tlesta. Jekk ikun hemm bżonn dan jista jkun imtawwal bi ftit metri oħra.

17.5 Irrefera wkoll għal-lapida li tinsab ma ġemb is-siġra l-kbira fejn ta Mawru sabiex induruha ftit u possibilment ngħalluha ftit il-fuq.

17.6 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-mafkar ta' quddiem il-każin tal-football jinbena mill-ħaddiema tal-Kunsill u wara noħorġu kwotazzjoni biex dan jinkesa bl-irħam.

17.7 Il-Kunsillier Larry Buttigieg irringrazzja lill-Kunsill talli aċċetta li jagħmel iż-żjara lil Maria Xerri f'għeluq il-100 sena tagħha. Kienet laqgħa li ferħitha ħafna f'din l-okkażżjoni unika.

17.8 Larry Buttigieg irrefera għal-labra tal-influenza li għandna noħorġu avviż bil-Malti u bl-Ingliż f'kull dar u li għandhom ikunu t-tobba tas-soltu li jagħtu l-labra lil dawk kollha li jinkitbu għaliha.

17.9 Il-Kunsillier Larry Buttiġieġ irrefera wkoll għall-attivita tal-Go Carts li wkoll kienet suċċess u minnha nġabru 400 euro li dawn ingħataw lill-Ghaqda Respite Centre. Huwa ppreżenta t-tifkira li ġiet preżentata lil Kunsill f'din l-okkażżjoni.

17.10 Larry Buttiġieġ staqsa jekk il-Kunsill għandux xi pjanijiet għal-parking tal-lokal, fejn central strip titneħħa biex b'hekk il-parling ikompli jitkabbar.

17.11 Il-Kunsillier Peter Caruana talab sabiex issir mera fi Triq iż-Zewwieqa kif toħroġ minn fejn il-flats għal triq Sant' Antnin. Huwa rrefera għall-arblu eżistenti u li tkun ideali li din teħel miegħu. Sar qbil li għandha ssir din il-mera.

17.12 Il-Kunsillier Caruana rrefera wkoll għal Triq Malta u Triq Kemmuna li qed jaqa l-ilma u jinħtieg li jsir ftit konkos li jaqsam it-triq Kemmuna biex inaqqas dan l-ilma.

17.13 Il-Kunsillier Peter Caruana talab ukoll sabiex issir żebra crossing fi Triq ix-Xatt fejn il-Gleneagles u l-Ankra Restaurant. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħha.

**Tmiem il-laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 23 ta' Ottubru, 2014, fit-3.00pm, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-7.30pm

Francis Cauchi
Sindku

Lucienne Haber
Segretarju Eżekuttiv